MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 781/1996/2

**Helen mart Vincent Borg, Melita mart Andrew Sapiano, Carmen mart Nicholas Aquilina u Maria Dolores sive Doris mart Charles Borg: u r-rispettivi rgiel taghhom, ghal kull interess li jista' jkollhom**

**VS**

**Il-Prim Ministru, il-Ministru tal-Edukazzjoni u Risorsi Umani u d-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Peress illi l-atturi Helen Borg, Melita Sapiano, Carmen Aquilina u Doris Borg huma lkoll ghalliema regolari f''diversi skejjel tal-Gvern, b'kuntratt ta' mpjieg mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Peress illi, minbarra dan, l-atturi kienu diga' mpjegati bhala ghalliema mad-Dipartiment sa minn qabel ma zzewgu u, fil-kaz taghhom kollha, kienu kostretti jirrizenjaw mill-impjieg taghhom hekk kif iccelebraw iz-zwieg taghhom kif ghandu jigi ppruvat ahjar waqt is-smiegh.

Peress illi l-atturi regghu issoktaw l-impieg taghhom mad-Dipartiment wara d-debita sejha ghall-applikazzjonijiet li ppermettiet li nisa mizzewgin jistghu jergghu jassumu kariga ta' ghalliema fl-iskejjel tal-Gvern, u dan wara li f' Settembru 1979, il-politika governattiva ppermettiet ghalliema nisa li jibqghu fis-servizz anke jekk kemm-il darba jizzewgu.

Peress illi l-kondizzjonijiet tal-impieg tal-atturi llum huma regolati bi Ftehim Kollettiv datat hamsa u ghoxrin (25) t' Awissu, 1994 (Dok "A"), li fih, inter alia jinghad (Klawsola 2, 1) li "A teacher will proceed to Scale 8 after 10 (10) years' service in the grade of Teacher (not Temporary Teacher), in State Schools and will further proceed to Scale 7 after a further ten (10) years service in both cases subject to satisfactory performance and to the provision of Section 2.1.3 below".

Peress illi l-atturi kollha, ghajr ghall-attrici Helen Borg li ghandha dsatax-il sena esperjenza ta' ghalliema full time, ghandhom individwalment izjed minn ghaxar (10) snin ta' servizz kumulattiv fil-grad ta' ghalliema regolari mal-Gvern fl-iskejjel tal-istat, u dwar l-ebda wahda minnhom ma tressaq qatt xi rapport negattiv dwar il-hila jew it-twettiq soddisfacenti tal-mansjonijiet taghha, u lanqas japplikaw ghall-ebda wahda minnhom id-disposizzjonijiet tal-Klawsola 2.1.3 fuq riferita.

Peress illi l-imsemmi Ftehim Kollettiv imkien ma jghid jew hu meqjus li jiftiehem li jghid li l-ghaxar snin (jew, skond il-kaz, l-ghoxrin sena) servizz iridu jkunu bla interruzzjoni, jew espressament jeskludi li l-imsemmija termini ma jistghux ikunu kumulattivi.

Peress illi, fil-kaz ta' kull wahda mill-atturi, jippervalu ghalhekk il-kundizzjonijiet ghall-promozzjoni u/jew eligibilita' fl-iskala oghla ta' salarju, a tenur tal-imsemmija Klawsola 2.1.1, imma tali promozzjoni qeghda tigi indebitament, illegalment u bla ebda gustifikazzjoni michuda lihom mill-konvenuti, jew min minnhom, u dan peress li s-servizz shih li l-atturi taw lid-Dipartiment qabel ma kienu kostretti li jirrezenjaw fl-okkazjoni taz-zwieg taghhom, mhux qieghed jigi kunsidrat ghall-finijiet tat-tul tas-servizz taghhom.

Peress illi dan l-atteggament huwa manifestament ingust u diskriminatorju fil-konfront tal-atturi, li, minhabba l-fatt li huma nisa u ghazlu stat ta' hajja matrimonjali fi zmien partikolari, qeghdin jigu bla tort taghhom u indebitament svantaggati fil-konfront ta' ghalliema shabhom irgiel li setghu wkoll ghazlu li jizzewgu u li ma kenux kostretti jirrizenjaw, u kif ukoll fil-konfront ta' shabhom nisa ghalliema li zzewgu wara li l-politika governattiva ppermettiet ghalliema nisa li jizzewgu li jibqghu fl-impieg.

Peress illi t-telfien tal-gharfien tas-servizz kollu moghti mill-atturi kif fuq inghad, qieghed jikkawzalhom telf konsistenti f'paga anqas u wkoll promozzjoni michuda, kif kontemplati fil-Ftehim Kollettiv, u kif ghandu jigi ppruvat waqt is-smigh.

Peress illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati anke gudizzjarjament, baqghu inadempjenti:

Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. prevja, jekk mehtiega, d-dikjarazzjoni li m'ghandha ssir l-ebda diskriminazzjoni fit-twettiq, fl-implimentazzjoni u fit-tifsir ta' xi ligi jew ta' xi kundizzjoni tal-impieg skond il-ligi, tiddikjara li s-servizz bhala ghalliema moghti mill-atturi

lill-konvenuti qabel ma zzewgu ghandu jigi meqjus ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ftehim Kollettiv mat-tul tas-servizz moghti minnhom wara li regghu ssoktaw l-impieg;

2. tiddikjara u tiddeciedi li fil-kaz ta' kull wahda minnhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Klawsola 2.1 tal-imsemmi Ftehim Kollettiv.

3. tillikwida, jekk mehtieg bil-hidma ta' persuna kompetenti minnha mahtura, z-zmien minn meta l-atturi ghandha tinghatalhom il-ppromozzjoni li jimmeritaw flimkien mal-aggustament taz-zjieda fis-salarju taghhom; u

4. tikkundannhom, jew lil min minnhom, sabiex fil-konfront ta' kull wahda mill-atturi, jaghmlu l-aggustament mehtiega u jhallsuhom is-somma li tigi hekk likwidata minnufih.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protesti gudizzjarji tat-30 ta' Mejju 1995 u tat-23 ta' Frar 1996, kontra l-konvenuti, ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 24 tal-process fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament la l-Onor Prim' Ministru u lanqas il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Unmani m'huma legittimi kontradditturi fil-kawza odjerna stante li r-rapprezentanza tal-Gvern fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji qeghda fil-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwitsjoni u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, is-servizz mal-Gvern huwa essenzjalment u primarjament regolat bl-artikolu 469A(6) tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili;

3. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, il-pretenzjonijiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, f' kaz ta' kull ufficjal pubbliku, kemm ta' sess femminili kif ukoll ta' sess maskili, servizz li jkun sar qabel ma' l-istess ufficjal jigi mpjegat mill-gdid ma jigix mehud kont tieghu, dana tkun xi tkun ir-raguni li minhabba fiha jkun gie interrott jew itterminat l-impieg. Dan huwa uzu kostanti u ghalhekk kull obbligazzjoni naxxenti mill-Collective Agreement trid tkun interpretata f' dan id-dawl;

5. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, wara l-konsultazzjoni mal-Unions, fosthom l-M.U.T. li tirrapprezenta l-maggoranza ta' l-ghalliema, id-Direttur Generali ta' l-MPO hareg cirkolari fis-26 ta' Frar, 1996 fejn fil-paragrafu 5, spjega l-pozizzjoni ta' ufficjali li jergghu jidhlu fis-servizz.

"*Public Officers who rejoin the service after having previously resigned or had their employment terminated will not have their previous service reckonable for progression to higher salary scales or for eligibility for promotion to higher grades. These employees are considered as new appointees*" (Dok "A" mehmuz)"

U hija din ic-cirkolari li tregi fic-cirkostanzi odjerni u li hija konformi mal-prattika konsistenti tal-Gvern;

6. Illi s-sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni li kienet tezisti kontra nisa mizzewgin fis-servizz pubbliku, llum ma ghadhiex possibbli wara li l-kostituzzjoni giet emendata biex tipprojbixxi diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess bl-Att XIX ta' l-1991. Illi l-agir li minnu qed jilmentaw l-atturi gara qabel dawk l-emendi u illum hadd m'hu qed qed jiddiskrimina kontra taghhom fuq il-bazi ta' sess li jappartjenu ghalih;

7. Illi l-procedura uzata mill-atturi mhix il-procedura korretta ghal dikjarazzjonijiet dwar diskriminazzjoni;

8. Isegwi li t-talbiet attrici ghandhom jigu kollha michuda bl-ispejjez kontra l-atturi inkluz tal-kontro-protest tat-28 ta' Frar, 1996;

Salv eccezzjonijiet ohra

Rat is-sentenza in parte tal-24 ta’ Marzu 1997 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti (fol 37);

Rat is-sentenza in parte tad-9 ta’ Frar 2001 fejn giet michuda t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti (fol. 105);

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijet u semghat it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri taghhom.

## FATTI

L-atturi fil-kawza odjerna huma, jew kienu, ghalliema regolari f’diiversi skejjel tal-Gvern b’kuntratt ta’ impjieg mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u huma lkoll tas-sess femminili. Huma kienu lkoll impjegati bhala ghalliema mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni sa minn qabel ma zzewgu izda kienu gew imgeghla jirrizenjaw minn dan l-impjieg malli gie celebrat iz-zwieg taghhom. Sussegwentement, u precizament f’Settembru 1979, giet mibdula il-*policy* tal-Gvern fis-sens li gie stabbilit li nisa mizzewgin setghu jibqghu fis-servizz mal-Gvern u ghalhekk l-atturi setghu jergghu jassumu kariga ta’ ghalliema fl-iskejjel tal-Gvern. Huma fil-fatt irrispondew ghas-sejha ghall-applikazzjonijiet u ssuktaw fl-impjieg taghhom bhala ghalliema ma-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Fil-25 ta’ Awissu 1994 gie ffirmat Ftehim Kollettiv bejn il-Gvern u l-Malta Union of Teachers (esebit a fol. 8 tal-process) liema Ftehim kien jirregola l-kundizzjonijiet ta’ l-impjieg ta’ l-ghalliema mal-Gvern, u ghalhekk kien anki jiregola l-impjieg tal-atturi. Klawsola numru 2.1 ta’ l-imsemmi Ftehim Kollettiv jistabilixxi s-segwenti:-

*"A teacher will proceed to Scale 8 after ten (10) years service in the grade of Teacher (not Temporary Teacher) in State Schools and will further proceed to Scale 7 after a further ten (10) years service in both case subject to satisfactory performance and to the provisions of Section 2.13 below".*

Jirizulta li l-atturi lkoll ghandhom individwalment izjed minn ghaxar (10) snin ta' servizz kumulattiv fil-grad ta' ghalliema regolari mal-Gvern fl-iskejjel tal-istat u dwar ebda wahda minnhom ma tressaq qatt xi rapport negattiv dwar il-hila jew it-twettiq ta' xoghlijiethom u ma japplikaw ghal ebda wahda mnnhom id-diposizzjonijiet tal-Klawsola numru 2,13 li ghaliha ssir riferenza fl-Artikolu 2.1. surreferit.

**KONTESTAZZJONI**

L-atturi qed jikkontendu li mkien fil-Ftehim Kollettiv ma jinghad li l-ghaxar snin servizz, jew l-ghoxrin sena skond il-kaz, iridu jkunu bla interruzzjoni u mkien ma gie espressament eskluz li l-imsemmija termini ma jistghux ikunu kumulattivi. Izda nonostante dan l-atturi jsostnu li huma gew indebitament imcahda mill-konvenuti, jew min minnhom, mill-promozzjoni ghal skala oghla ta' salarju u dan ghaliex is-servizz shih li l-atturi taw lid-Dipartiment qabel ma gew kostretti jirrezenjaw minhabba li kienu zzewgu ma giex ikkunsidrat ghal finijiet tat-tul tas-servizz taghhom.

L-atturi ghalhekk qeghdin jitolbu li jigi dikjarat li dan is-servizz li huma taw qabel ma zzewgu ghandu jigi meqjus ghal finijiet u effetti kollha tal-Ftehim Kollettiv mat-tul ta' servizz moghti minnhom wara li regghu issuktaw l-impjieg.

Minn naha l-ohra l-konvenuti qeghdin isostnu li f'kaz ta' kull ufficjal pubbliku, kemm jekk ikun ta' sess femminili kif ukoll jekk ikun ta' sess maskili, servizz li jkun sar qabel mill-istess ufficjal meta jigi mpjegat mill-gdid ma jigix mehud kont tieghu u dana tkun xi tkun ir-raguni li minhabba fiha jkun gie interrott jew itterminat l-impjieg. Il-

konvenuti jsostnu li dan huwa uzu kostanti u ghalhekk kull obbligazzjoni naxxenti mill-Ftehim Kolletttiv trid tigi nterpretata f'dan id-dawl.

Il-konvenuti inoltre jaghmlu referenza ghal cirkolari mahruga fis-26 ta' Frar 1996 mid-Direttur Generali tal-MPO (esebita a fol. 47 u 48 tal-process) wara konsultazzjoni mal-Unions, fosthom il-Malta Union of Teachers u cioe' l-Union tal-atturi, fejn fil-paragrafu 5 hemm is-segwenti spjegazzjoni dwar ufficjali li jergghu jidhlu fis-servizz:-

*"Public Officers who rejoin the service after having previously resigned or had their employment terminated will not have their previous service reckonable for progression to higher salary scales or for eligibility for promotion for higher grades. These employees are considered as new appointees".*

Il-konvenuti jirritjenu li s-sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni li kienet tezisti fil-konfronti ta' nisa mizzewgin fis-servizz pubbliku illum m'ghadhiex tezisti u dan wara li saru l-emendi relattivi fil-Kostituzzjoni li jiprojibixxu diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess. Dawn l-emendi saru fl-1991 u l-agir li minnu qed jilmentaw l-atturi sehh qabel din id-data. Il-konvenuti jirritjenu wkoll li l-procedura addottata mill-atturi m'hijiex dik korretta ghal meta wiehed jitlob dikjarazzjoni dwar diskriminazzjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-bazi ta' l-azzjoni ta' l-atturi hija dupplici.

Li m'ghandha ssir l-ebda diskriminazzjoni fit-twettiq, fl-implimentazzjoni u fit-tifsir ta' xi ligi jew ta' xi kundizzjoni tal-impieg skond il-ligi.

Li s-servizz bhala ghalliema moghti mill-atturi lill-konvenuti qabel ma zzewgu ghandu jigi meqjus ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ftehim Kollettiv mat-tul tas-servizz moghti minnhom wara li regghu ssoktaw l-impieg.

## Ftehim Kollettiv

L-atturi jirritjenu li imkien fil-Ftehim Kollettiv m'hemm imsemmi li dan is-servizz ghandu jkun mhux interrott. Ic-cirkolari Numru 18/96 MPO datata 28 ta' Frar 1996 '*Interpretation of the phrase* "*Service in the Grade*" hija biss interpretazzjoni unilaterali u arbitrarja da parti tal-konvenuti li hu wiehed biss mill-firmatarji tal-Ftehim Kollettiv, u li dina c-cirkolari harget wara li giet prezentata dina l-kawza.

Jirrizulta mill-provi li l-atturi kienu impjegati mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Id-dettalji ta' kull wahda mill-atturi gew ezibiti fid-Dok VP a fol 170. L-atturi kienu impegati bhala *teachers* u meta zzewwgu kellhom irrizenjaw u moghtija *marriage gratuity*. Imbaghad meta tbiddlet il-*policy* tal-Gvern dwar *teachers* nisa, l-atturi kienu regghu dahlu bhala *teachers* izda iz-zmien li kienu ghamlu qabel bhala *teachers* ma giex maghdud ai fini tas-*service in the grade*.

L-atturi isostnu li kemm fil Ftehim Kollettiv tan-1989 u f'dak tal-1994 imkien ma hemm imsemmi li s-servizz moghti irid ikun wiehed mhux interrot. Minn naha l-ohra l-konvenuti jirritjenu li huwa uzu kostanti li servizz irid ikun kontinwu u ghalhekk kull obbligazzjoni naxxenti mill-Ftehim Kolletttiv trid tigi nterpretata f'dan id-dawl u c-cirkolari MPO ma kienet qed tghid xejn gdid imma biss kienet qed ticcara l-posizzjoni billi setghet kienet qed tinghata interpretazzjoni hazina.

L-attrici Helen Borg xehdet (ara fol 162) li meta sar il-Ftehim Kollettiv fis-sena 1989 hi fehmet li kienet ser titla ghal Scale 8 izda meta interpellat lill Awtoritajiet koncernati sabiex josservaw dan il-ftehim kollettiv hi giet infurmata li sabiex japplika l-ftehim kollettiv ma riedx ikollha interruzzjonijiet fiz-zmien li hi ghamlet bhala ghalliema. Hi kienet ipprotestat li l-ftehim kollettiv ma kienx jirrikjedi li s-servizz ma jkunx interrot izda xorta baqghet ma haditx il-promozzjoni ghal skala ghola.

Ghalkemm kien hemm dan in-nuqqas ta' ftehim, l-istess kliem rega ntuza fil-ftehim kollettiv li sar fil-1994.

Meta xehed John Bencini fuq dan il-punt hu qal hekk:

*Meta gew imgieghla (it-teachers) jirrizenjaw ghax izzewgu, il-Gvern dak iz-zmien kien jerga jimpjeghom ghax kien jerga jkollu bzonn in-nies, u kien jimpjegahom bhala casuals u* ***ahna l-inisistenza taghna kienet li huwa ghandu jerga jimpjegahom b'mod regolari.***

*Mistoqsi : Imma is-servizz taghhom jkun uninterrupted?*

***Dak fuq is-servizz ahna qatt ma tkellimna fuqha.*** *Tkellimna li huma ghandhom jergghu jibdew b'mod regolari. Pero' konna ghedna* ***<u>imma mhux bil-miktub</u>*** *kemm il-darba li ma narawhiex bhala haga gusta.*

Joseph Degiovanni xehed li huma bhala Union (MUT) kienu ghamlu rappresentanzjoni dwar dina l-kwistjoni mal-Gvern qabel l-iffirmar tal-*Collective Agreement*. Hu zied jghid li l-Gvern qatt m'accetta li s-*service in the grade* ikun *interrupted*.

Jidher ghalhekk li ghalkemm il-*Collective Agreement* ma jsemmiex li s-*service in the grade* irid ikun kontinwu izda minn negozjati li saru qabel ma gew iffirmati il-Ftehim Kollettiv il-posizzjoni tal-Gvern kienet dejjem l-istess u maghrufa izda nonostante dana l-Union iffirmat il-Collective Agreement f'isem il-membri taghha u ma jirrizultax li l-Union iggielded il-Gvern (bhala per ezempju billi jistrikjaw) fuq dina l-kwistjoni. Lanqas ma hi l-Union parti f'dina l-kawza ma l-atturi. Ghalkemm il-Union hasset li dina kienet mizura ingusta izda xorta wahda hija ffirmat il-Ftehim Kollettiv.

Ghalhekk l-atturi ma jistghux issa jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq il-Ftehim Kollettiv biex jirravvivaw drittijiet ta' *seniority* li kienu spiccaw mar-rizenja taghhom mill-impjieg precedenti taghhom u li ma kien sar ebda provvediment ghalihom fil-Ftehim Kollettiv. Fil-fatt il-ftehim kollettiv ma jinkludiex kwasola specifika fuq dina l-kwistjoni u kieku xi

parti riedet tirrikonoxxi drittijiet ta' *seniority* kienet zgur tinkludi klawsola f'dan is-sens. Ic-cirkolari 18/96 irrepetiet biss dak li kien hemm fil-ftehim kollettiv u l-posizzjoni kif kienet anke qabel ma gie iffirmat il-ftehim kollettiv. Dan l-attrici kienet tafu minn 1989 u qabel ma gie ffirmat il-ftehim kollettiv tal-1994.

B'riferenza ghal sottomissjoni ta' l-atturi li fl-iskejjel tal-Knisja l-kondizzjonijiet kienu differenti u mara mizzewga setghet tibqa' tahdem, il-Qorti tirrileva li l-atturi ghazlu li jibghqu fl-iskejjel tal-Gvern b'dawk il-kondizzjonijiet li tajjeb jew hazin huma accettaw. L-istess japplika ghar riferenza li saret ghal kondizzjonijiet fl-Universita'.

**Diskriminazzjoni a bazi ta' sess**

It-tieni bazi li fuqha hija mibnija l-azzjoni attrici hija li m'ghandha ssir l-ebda diskriminazzjoni fit-twettiq, fl-implimentazzjoni u fit-tifsir ta' xi ligi jew ta' xi kundizzjoni tal-impieg skond il-ligi.

L-eccezzjoni tal-konvenuti hija li s-sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni li kienet tezisti kontra nisa mizzewgin fis-servizz pubbliku, llum ma ghadhiex possibbli wara li l-Kostituzzjoni giet emendata biex tipprojbixxi diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess bl-Att XIX ta' l-1991. Illi l-agir li minnu qed jilmentaw l-atturi gara <u>qabel</u> dawk l-emendi u illum hadd m'hu qed jiddiskrimina kontra taghhom fuq il-bazi ta' sess li jappartjenu ghalih.

Illi l-Kostituzzjoni ta' Malta ma kienitx tipprovvdi ghall diskriminazzjoni a bazi ta' sess qabel in 1991. Kien ukoll bl-Att X1V tan 1987 Kap 319 li fl-artikolu 14 sar provvediment ghal diskriminazzjoni a bazi ta' sess, u persuna setghet tagixxi ghal ksur ta' dana d-dritt kemm fit-Qrati taghna kif ukoll fil-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

L-atturi jirritjenu li kien hemm diskriminazzjoni u kienu svantaggjati kemm fil-konfront ta' shabhom irgiel li setghu ghazlu li jizzewwgu u ma kienux kostretti li jirrizenjaw kif ukoll fil konfront ta' shabhom nisa ghalliema li zzewwgu

wara li l-politika governativa ppermettiet ghalliema nisa li jizzewgu u jibqghu fl-impieg.

Illi xi ftit mill-atturi dahlu jahdmu mal-Gvern sa minn 1954. Illi sal-1979 il-*policy* tal-Gvern kienet li ghalliema nisa li jizzewwgu kellhom jirrizenjaw mill-impieg. Dana l-atturi kienu jafuh, kienu accettawh u kellhom kuntratt li huma iffirmaw li kien jipprovvdi klawsola simili. L-atturi kienu accettaw ukoll li minhabba dina r-raguni huma kienu intitolati li jiehdu *marriage gratuity* li ghalliema ohrajn ma kienux jiehdu. F'certu sens ghalhekk huma kienu qed jigu kumpensati dak iz-zmien fit-tmien ta' l-impieg taghhom u hadu rimedju ghall kull pregudizzju li setghu sofrew.

Jirrizulta inoltre mill-Artikolu 7 tal Kap 319 li l-ksur ta' dika l-ligi li gie kommess qabel it 30 ta' April 1987 ma kienx jaghti lok ghall azzjoni taht dika l-ligi. Il-*policy* tal-Gvern li l-atturi qed jilmentaw minnha u li qed igibu bhala raguni ghall azzjoni taghhom, inbidlet fil-1979, qabel dahal in vigore l-Kap 319, qabel dahlu l-emendi ghall Kostituzzjoni, kif ukoll qabel ma sar il-Ftehim Kollettiv tal-1989 u tal-1994. Kien biss fil 1996 li l-atturi hassew li kellhom jipproponu azzjoni a bazi ta' diskriminazzjoni ta' sess. Qabel il-1987 il-Gvern kellu diversi *policies* li llum tbiddlu, bhal paga ndaqs ghal nisa u irgiel, id-dritt ghall-penzjoni, id-dritt ghal-vot, etc u ma jifisssirx li issa kull min illum qed ihoss l-effetti negattivi tal-bdil ta' dawn il- *policies*, jista' jfittex lill Gvern ghall kumpens jew ghal ksur ta' ligi li dak iz-zmien ma kienitx tezisti.

Ghalhekk id-diskriminazzjoni li qed jallegaw l-atturi ma ghandiex titqies bhala vjolazzjoni kontinwata u li qed thalli l-effetti taghha sal lum kif qed jippretendu l-atturi. L-allegata diskriminazzjoni ma tistax tigi invokata issa biex tigi injorata rizenja li l-atturi kienu accettaw bhala wahda mill kondizzjonijiet fil-kuntratt ta' impieg taghhom [ara sentenzi Kost. Louis Manduca vs Prim Ministru et 13/1/1999 u P Cachia vs Avukat Generali et. 28/12/2001].

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi

Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talbiet ta' l-atturi
Spejjez ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------